Nru./No. 20,837
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 14 ta' April, 2022
Thursday, 14th April, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 6969
Government Notices *6969*

Avviżi tal-Pulizija ..... 6969 - 6972
Police Notices ..... *6969 - 6972*

Avviżi lill-Baħħara ..... 6972 - 6978
Notices to Mariners ..... *6972 - 6978*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 6978 - 7038
Employment Opportunities ..... *6978 - 7038*

Avviżi tal-Gvern ..... 7038 - 7039
Notices ..... *7038 - 7039*

Offerti ..... 7039 - 7042
Tenders ..... *7039 - 7042*

Avviżi tal-Qorti ..... 7042 - 7052
Court Notices ..... *7042 - 7052*

NOTIFIKAZZJONIJI TAL-GVERN

Nru. 396

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

L-14 ta' April, 2022
(File No. A 3742/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żabbar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 48 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u min-Nofsinhar u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Uffiċċju Konġunt jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-records tal-Awtorità bħala parti minn tenement numru J65233.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Wied il-Għajn qiegħda tiġi terminata għal twessigħ ta' triq.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2021_0585, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-7 ta' April, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 44

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

GOVERNMENT NOTICE

No. 396

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the under-mentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

14th April, 2022

Description of the Land

The following land at Ħaż-Żabbar:

A plot of land measuring about 48 square metres, bounded on the North by a public road and on the South and South East by property of the Joint Office or more precise boundaries and is registered on Authority records as part of tenement number J65233.

The above-mentioned land at Triq Wied il-Għajn is being terminated for the widening of a road.

The above-mentioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2021_0585, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

7th April, 2022

POLICE NOTICE

No. 44

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

San Ġiljan

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mill-10.45 a.m. sas-12.45 p.m., minn Triq Lapsi, Triq il-Kbira, Pjazza Qalb ta' Ġesù, Triq San Ġorġ u Triq Francis Zammit.

San Ġwann

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Kappella, Triq in-Naxxar, Triq J. F. Marks, Triq is-Sorijiet Franġiskani, Triq Birkirkara, Triq il-Kunċizzjoni and Triq Santa Margerita.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' April, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 45

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mid-9.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq it-Tliet Knejjes and Pjazza Bertu Fenech.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' April, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 46

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

St Julian's

On Sunday, 17th April, 2022, from 10.45 a.m. till 12.45 p.m., through, Triq Lapsi, Triq il-Kbira, Pjazza Qalb ta' Ġesù, Triq San Ġorġ and Triq Francis Zammit.

San Ġwann

On Sunday, 17th April, 2022, from 5.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq il-Kappella, Triq in-Naxxar, Triq J. F. Marks, Triq is-Sorijiet Franġiskani, Triq Birkirkara, Triq il-Kunċizzjoni and Triq Santa Margerita.

Public transport may also be affected.

Vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

14th April, 2022

POLICE NOTICE

No. 45

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Ħal Balzan

On Sunday, 17th April, 2022, from 9.00 a.m till 9.30 a.m., through Triq it-Tliet Knejjes u Pjazza Bertu Fenech.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th April, 2022

POLICE NOTICE

No. 46

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Qormi

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, 2022, minn nofsinhar sa nofsillejl, minn Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi u Triq il-Kbira sal-Knisja.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi u Triq il-Kbira sal-knisja.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Triq il-Vitorja, Triq San Rafel, Triq San Sebastjan, Triq San Bartilmew, Triq il-Kbira u Triq San Bartilmew sal-Knisja Parrokkjali.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, 2022, minn nofsinhar sa nofsillejl, mill-pjazza, Triq Sciortino, Vjal il-Ħelsien, Triq il-Kbira u Misraħ San Filippu.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Misraħ San Filippu, Triq Sant'Antnin, Triq Ħal Mula, Triq Mamo, Triq il-Kbira, Triq De Rohan, Triq Campis, Triq Luret Vella, Triq Sciortino u madwar il-monument (blata).

Ir-rotot tal-karozzi tal-linja li se jkunu affettwati huma 61 and 63 għal Ħal Qormi; u 61, 109 u 209 għal Ħaż-Żebbuġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' April, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 47

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

L-Isla

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' April, 2022, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza Benedittu XV, Triq il-Vitorja, Pjazza Francesco Zahra, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Mitrovic u Triq l-Arċisqof Mattei.

Ħal Qormi

On Friday, 15th April, 2022, from noon till midnight, through Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi and Triq il-Kbira till the church.

On Sunday, 17th April, 2022, from 6.00 a.m. till 3.00 p.m., through Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katarina, Triq Pinto, Triq Dun Ġwakkin Schembri, Triq il-Vitorja, Triq Aniċi and Triq il-Kbira till the church.

On Sunday, 17th April, 2022, from 6.00 a.m. till 3.00 p.m., through Triq il-Vitorja, Triq San Rafel, Triq San Sebastjan, Triq San Bartilmew, Triq il-Kbira and Triq San Bartilmew till Parish Church.

Ħaż-Żebbuġ

On Friday, 15th April, 2022, from noon till midnight, through main square, Triq Sciortino, Vjal il-Ħelsien, Triq il-Kbira and Misraħ San Filippu.

On Sunday, 17th April, 2022, from 6.00 a.m. till 3.00 p.m., through Misraħ San Filippu, Triq Sant'Antnin, Triq Ħal Mula, Triq Mamo, Triq il-Kbira, Triq De Rohan, Triq Campis, Triq Luret Vella, Triq Sciortino and around the monument (rock).

The bus routes affected will be 61 and 63 for Ħal Qormi; and 61, 109 and 209 for Ħaż-Żebbuġ.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

14th April, 2022

POLICE NOTICE

No. 47

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Senglea

On Friday, 15th April, 2022, from 6.00 a.m. till midnight, through Pjazza Benedittu XV, Triq il-Vitorja, Pjazza Francesco Zahra, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Mitrovic and Triq l-Arċisqof Mattei.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, 2022, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza Benedittu XV, Triq il-Vitorja, Pjazza Francesco Zahra, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Mitrovic u Triq l-Arċisqof Mattei.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Il-Kalkara

Minn nhar it-Tlieta, 19 ta' April, 2022 sal-Erbgħa, 27 ta' April, 2022, mit-3.00 a.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja minn Triq ir-Rinella (il-Bajja tar-Rinella).

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' April, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 35 tal-2022

Stħarriġ b'ROV tal-Cooling Pipeline –
fil-Qala San Marku, 'il barra

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir stħarriġ bl-użu ta' Remotely Operated Vehicle (ROV). Dan l-istħarriġ se jsir mir-RHIB 'ER - 1' u t-tagħmir anċillari tagħha.

Jekk it-temp jippermetti, l-istħarriġ huwa ppjanat li jsir nhar it-Tlieta, 19 ta' April, 2022. Jekk minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp l-istħarriġ ma jkunx jista jsir f'din il-ġurnata, dan isir bejn it-Tnejn, 2 ta' Mejju, 2022, u l-Ħadd, 8 ta' Mejju, 2022.

L-istħarriġ se jsir tul il-linja A-B kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

	Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
A	35° 56'.833	14° 26'.812 (Kosta)
B	35° 57'.148	14° 27'.290

L-istħarriġ attwali huwa mistenni li jieħu madwar ġurnata.

Peress li r-RHIB 'ER - 1' se tkun qed tirmonka ROV, se tkun ristretta fil-kapaċità tagħha li timmanuvra.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela meta l-bastimenti imsemmi hawn fuq jintlemħu u għandhom iżommu distanza sigura ta' 100m mill-bastimenti.

On Sunday, 17th April, 2022, from 6.00 a.m. till midnight, through Pjazza Benedittu XV, Triq il-Vitorja, Pjazza Francesco Zahra, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Mitrovic and Triq l-Arċisqof Mattei.

Public transport will also be affected.

Kalkara

From Tuesday, 19th April, 2022 till Wednesday, 27th April, 2022, from 3.00 a.m. onwards, total clearance through Triq ir-Rinella (Bajja tar-Rinella).

Public transport is not affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

14th April, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 35 of 2022

ROV Survey of Cooling Pipeline –
at Qala San Marku, outwards

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a survey will be carried out with the use of a Remotely Operated Vehicle (ROV). This survey will be carried out by the RHIB 'ER - 1' and her ancillary equipment.

Weather permitting, the survey is planned to be carried out on Tuesday 19th April, 2022. If due to weather conditions the survey cannot be held on this day, it will be held between Monday 2nd May, 2022, and Sunday 8th May 2022.

The ROV survey will be held along the line A-B as shown on Chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 56'.833	14° 26'.812 (Coast)
B	35° 57'.148	14° 27'.290

The actual survey is expected to take about 1 day.

Since the RHIB 'ER - 1' will be towing an ROV, she will be restricted in her ability to manoeuvre.

Mariners are instructed to navigate with caution when the above-mentioned vessel is sighted, and they are to maintain a safe distance of 100m from the vessels.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kull persunal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati*:* BA 2537, 2538

L-14 ta' April, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 36 tal-2022

Diving ħdejn North Breakwater Arm fil-Port tal-Imġarr – Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir għadis ħdejn North Breakwater fil-Port tal-Imġarr, Għawdex.

L-għadis se jsir nhar l-Erbgħa, 20 ta' April, 2022, mis-1.00 p.m. sat-3.00 p.m., fiż-żona delimitata mil-linja immaġinarja A, B, C, D u l-linja tal-kosta intermedja, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	36° 01'.623	014° 18'.125
B	36° 01'.626	014° 18'.112
C	36° 01'.593	014° 18'.102
D	36° 01'.591	014° 18'.115

It-tim tal-għadis se jkun qed itajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' meta jkunu qed isir l-għadis.

Waqt l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sigurtà ta' 25m madwar iż-żona tal-istħarriġ.

Minħabba l-operazzjonijiet tal-għadis, kwalunkwe manuvri ta' docking u undocking fiż-żona se jkunu ristretti u jridu jiġu kkordinati mat-tim tal-għadis fuq il-post u mal-maniġer tal-operazzjonijiet tal-port.

Il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu qrib iż-żoni indikati hawn fuq. Huma għandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 10 u/jew 16 mill-Imġarr Port Control u kull persunal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 177

L-14 ta' April, 2022

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 2537, 2538

14th April, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 36 of 2022

Diving next to the North Breakwater Arm at Il-Port tal-Imġarr – Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that diving will be taking place next to the North Breakwater arm at Il-Port tal-Imġarr, Gozo.

The diving will take place on Wednesday, 20th April, 2022, from 1.00 p.m. till 3.00 p.m., within the area bounded by the imaginary line A, B, C, D and the intermediate coastline, as shown on Chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36° 01'.623	014° 18'.125
B	36° 01'.626	014° 18'.112
C	36° 01'.593	014° 18'.102
D	36° 01'.591	014° 18'.115

The diving team will be displaying the International Code of Signals Flag 'A' when diving operations are being carried out.

A safety zone of 25m around the survey area is to be kept during the survey.

Due to the diving operations, any docking and undocking manoeuvres within the area will be restricted and must be coordinated with the diving team on site and with the port operations manager.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and at slow speed when proceeding close to the above indicated areas. They are to comply with instructions given on VHF Channel 10 and/or 16 by Mġarr Port Control and any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 177

14th April, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 37 tal-2022

Malta International Fireworks Festival 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsiru wirjiet tan-nar f'lokalitajiet u dati differenti kif jidher hawn taħt.

Nhar il-Ħamis, 14 ta' April, 2022, filgħodu, 2 braken se jiġu mċaqalqa lejn il-moll tal-Kalkara biex jiġu mgħobbija bi blokki tal-konkos, sinkers u ankri. Aktar tard waranofsinhar, il-braken se jiġu trasferiti lejn Ċirkewwa South Quay.

Sidien ta' bastimenti rmiġġati fil-Bajja tar-Rinella għandhom ineħħu l-bastimenti tagħhom u ż-żona għandha tibqa' libera nhar il-Ħamis, 14 ta' April, 2022, minn kmieni filgħodu sas-1.00 p.m. Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil bastimenti li jitħallew fil-Bajja tar-Rinella fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Il-Bajja tal-Mellieħa nhar l-Erbgħa, 20 ta' April, 2022

Fis-6.00 a.m. il-pontuni u l-braken se jiġu trasferiti minn Ċirkewwa South Quay għall-Bajja tal-Mellieħa.

Sal-11.00 a.m. jibda tqegħid tal-pontuni u l-barken. Il-braken u l-pontuni se jkunu rmiġġati fil-pożizzjonijiet li ġejjin, kif muri fit-tabella 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-pontuni se jkunu rmiġġati tul il-linja immaġinarja 1 sa 2 u barkun se jkun irmiġġat fil-punti 3 u ieħor fil-punt 4.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
1	35º 58'.206	014º 21'.087
2	35º 58'.122	014º 21'.149
3	35º 58'.235	014º 21'.260
4	35º 58'.314	014º 21'.243

Il-wirja tibda fit-8.00 p.m. u tispiċċa sa l-11.00 p.m.

Wara l-wirjiet, il-pontuni u l-braken se jiġu rmunkati lura lejn Ċirkewwa South Quay u s-sinkers u l-ankri jittellgħu mill-qiegħ.

Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien nhar il-Ħadd, 23 ta' April, 2022

Fis-6.00 a.m. il-pontuni u l-barken se jiġu mċaqalqa minn Ċirkewwa South Quay għall-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien,

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 37 of 2022

Malta International Fireworks Festival 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays will be held in different localities and dates as shown below.

On Thursday, 14th April, 2022, in the morning, 2 barges will be shifted to Kalkara quay to be loaded with concrete blocks, sinkers and anchors. Later in the afternoon, the barges will be shifted to Ċirkewwa South Quay.

Owners of vessels moored in Rinella Bay are to remove their vessels and the area is to remain clear on Thursday, 14th April, 2022, from early morning until 1.00 p.m. Transport Malta will accept no liabilities whatsoever for any damage caused to vessels that are left within Rinella Bay on the mentioned dates and times.

Il-Bajja tal-Mellieħa on Wednesday 20th April, 2022

At 6.00 a.m. the pontoons and barges will be shifted from Ċirkewwa South Quay to Il-Bajja tal-Mellieħa.

By 11.00 a.m. the setting up of the pontoons and barges will commence. The barges and pontoons will be moored in the following positions, as shown on chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The pontoons will be moored along the imaginary line 1 to 2 and a barge will be moored at point 3 and another at point 4.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
1	35º 58'.206	014º 21'.087
2	35º 58'.122	014º 21'.149
3	35º 58'.235	014º 21'.260
4	35º 58'.314	014º 21'.243

The display will start at 8.00 p.m. and finish by 11.00 p.m.

After the display pontoons and barges will be towed back to Ċirkewwa South Quay and the sinkers and anchors lifted from the bottom.

Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien on Sunday, 23rd April, 2022

At 6.00 a.m. the pontoons and barges will be shifted from Ċirkewwa South Quay to Il-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien,

il-Qala. Sal-11.00 a.m. se jibda tqegħid tal-pontuni u l-braken u se jkunu rmiġġati fil-pożizzjonijiet li ġejjin, kif muri fit-tabella 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-pontuni se jkunu rmiġġati tul il-linja immaġinarja 5 sa 6 u se jitqiegħed barkun fil-punt 7 u ieħor fit-8.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
5	36º 01'.647	014º 19'.496
6	36º 01'.591	014º 19'.395
7	36º 01'.529	014º 19'.519
8	36º 01'.449	014º 19'.464

Il-wirja tibda fit-8.00 p.m u tispiċċa sal-11.00 p.m.

Wara l-wiri l-pontuni u l-barken se jiġu rmunkati lura lejn il-moll tal-Kalkara u s-sinkers u l-ankri jittellgħu mill-qiegħ.

Bastimenti fuq ir-rotta tal-HSC Fast Ferry, bejn Malta u Għawdex, għandhom jinnavigaw mill-Comino Channel f'din il-ġurnata.

Il-Bajja ta' San Tumas nhar il-Ġimgħa 26 ta' April, 2022

Fis-6.00 a.m. il-pontuni u l-barken se jiġu trasferiti mill-moll tal-Kalkara għall-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala.

Sal-11.00 a.m. jibda tqegħid tal-pontuni u l-barken. Il-pontuni u l-barken se jkunu rmiġġati fil-pożizzjonijiet li ġejjin, kif muri fit-tabella 3 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-pontuni se jkunu rmiġġati tul il-linja immaġinarja 9 sa 10 u barkun se jkun irmiġġat fil-punti 11 u ieħor fil-punt 12.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
9	35º 51'.295	014º 34'.145
10	35º 51'.229	014º 34'.056
11	35º 51'.139	014º 34'.097
12	35º 51'.164	014º 34'.212

Il-wirja tibda fit-8.00 p.m. u tispiċċa sal-11.00 p.m.

Wara l-wiri l-pontuni u l-barken se jiġu rmunkati lura lejn il-moll tal-Kalkara, u jitneħħew is-sinkers u l-ankri.

Il-Port il-Kbir, il-Belt Valletta, nhar is-Sibt, 30 ta' April, 2022

Qala. By 11.00 a.m. the setting up of the pontoons and barges will commence and will be moored in the following positions, as shown on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The pontoons will be moored along the imaginary line 5 to 6 and a barge will be laid at point 7 and another at 8.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
5	36º 01'.647	014º 19'.496
6	36º 01'.591	014º 19'.395
7	36º 01'.529	014º 19'.519
8	36º 01'.449	014º 19'.464

The display will start at 8.00 p.m. and finish by 11.00 p.m.

After the display the pontoons and barges will be towed back to Kalkara quay and the sinkers and anchors will be lifted off the bottom.

Vessels engaged on the HSC Fast Ferry route, between Malta and Gozo, are to navigate through the Comino Channel on this day.

Il-Bajja ta' San Tumas on Friday, 26th April, 2022

At 6.00 a.m. the pontoons and barges will be shifted from Kalkara quay to Il-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala.

By 11.00 a.m. the setting up of the pontoons and barges will commence. The pontoons and barges will be moored in the following positions, as shown on the chart 3 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The pontoons will be moored along the imaginary line 9 to 10 and a barge will be moored at point 11 and another at point 12.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
9	35º 51'.295	014º 34'.145
10	35º 51'.229	014º 34'.056
11	35º 51'.139	014º 34'.097
12	35º 51'.164	014º 34'.212

The display will start at 8.00 p.m. and finish by 11.00 p.m.

After the display the pontoons and barges will be towed back to Kalkara quay, and the sinkers and anchors removed.

The Grand Harbour, Valletta, on Saturday, 30th April, 2022

Fit-3.00 p.m. jibda l-pożizzjonament tal-ankri għall-pontuni u l-barkun.

Fl-4.00 p.m. il-pontuni u barkun wieħed se jiġu mċaqalqa mill-moll tal-Kalkara għall-pożizzjonijiet tagħhom. Dawn se jiġu mwaqqfa fil-pożizzjonijiet li ġejjin, kif muri fit-tabella 4 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Se jkun hemm 3 ringieli ta' pontuni rmiġġati tul il-linji immaġinarji 13 sa 14, 16 sa 17 u 18 sa 19 u barkun se jkun irmiġġat fil-punt 15.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
13	35º 53'.746	014º 31'.156
14	35º 53'.565	014º 30'.857
15	35º 53'.677	014º 30'.988
16	35º 53'.775	014º 31'.075
17	35º 53'.635	014º 30'.846
18	35º 53'.751	014º 31'.007
19	35º 53'.682	014º 30'.894

Il-wirja tibda fit-8.00 p.m.u tispiċċa fl-10.15 p.m.

Wara l-wirja l-pontuni u l-barkun jiġu rmunkati lura lejn il-moll tal-Kalkara. Is-sinkers u l-ankri se jitneħħew, u ż-żona tkun libera sal-10.50 p.m.

Il-pontuni u l-barkun imbagħad jitħallew fil-moll tal-Kalkara sat-Tnejn, 2 ta' Mejju, 2022.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma infurmati li parti mill-Port il-Kbir, bejn il-linji immaġinarji A - B, C - D, E - F, G - H, I - J, u l-linja tal-kosta intermedja (kif muri fit-tabella 4 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) se jkunu magħluqa għall-bastimenti kollha.

L-għeluq tal-port u ż-żona pprojbita se jidħlu fis-seħħ nhar is-Sibt, 30 ta' April, 2022, mit-3.00 p.m. sal-10.50 p.m. ħin lokali (11.00 a.m. sad-9.00 p.m.UTC), ħlief għall-bastimenti awtorizzati.

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35º 53'.590	014º 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35º 53'.541	014º 31'.155
F	35º 53'.545	014º 31'.359
G	35º 53'.653	014º 31'.479
H	35° 53'.840	014° 31'.112
I	35° 54'.143	014° 31'.221
J	35° 53'.963	014° 31'.376

At 3.00 p.m. the positioning of the anchors for the pontoons and barge will commence.

At 4.00 p.m. the pontoons and one barge will be shifted from Kalkara quay to their positions. They will be set up in the following positions, as shown on chart 4 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

There will be 3 rows of pontoons moored along the imaginary lines 13 to 14, 16 to 17 and 18 to 19 and a barge will be moored at point 15.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
13	35º 53'.746	014º 31'.156
14	35º 53'.565	014º 30'.857
15	35º 53'.677	014º 30'.988
16	35º 53'.775	014º 31'.075
17	35º 53'.635	014º 30'.846
18	35º 53'.751	014º 31'.007
19	35º 53'.682	014º 30'.894

The display will start at 8.00 p.m. and finish by 10.15 p.m.

After the display the pontoons and the barge will be towed back to Kalkara quay. The sinkers and anchors will be removed, and the area cleared by 10.50 p.m.

The pontoons and barge will then be left at Kalkara quay up to Monday, 2nd May, 2022.

In view of the above, mariners are informed that part of Grand Harbour, between the imaginary lines A - B, C - D, E - F, G - H, I - J, and the intermediate coastline (as shown on chart 4 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)), will be closed to all vessels.

The port closure and prohibited area will be effective on Saturday, 30th April, 2022, from 3.00 p.m. till 10.50 p.m. local time (11.00 a.m. till 9.00 p.m. UTC), except for authorised vessels.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35º 53'.590	014º 30'.699
B	35° 53'.458	014° 30'.831
C	35° 53'.417	014° 30'.937
D	35° 53'.512	014° 31'.031
E	35º 53'.541	014º 31'.155
F	35º 53'.545	014º 31'.359
G	35º 53'.653	014º 31'.479
H	35° 53'.840	014° 31'.112
I	35° 54'.143	014° 31'.221
J	35° 53'.963	014° 31'.376

Matul l-avveniment il-movimenti tat-tbaħħir fil-Port il-Kbir se jkunu ristretti. Bastimenti awtorizzati GĦANDHOM ikunu irmiġġati sew sa mhux aktar tard mis-7.30 p.m.

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod sew u jżommu distanza sigura ta' mhux inqas minn 200 metru minn kwalunkwe pontuni u braken waqt li jkunu qed jiġu rmunkati u ladarba jkunu ġew ankrati fil-lokalitajiet kollha hawn fuq imsemmija matul id-dati u l-ħinijiet msemmija.

Il-bastimenti awtorizzati għandhom iżommu 'l bogħod mill-pontuni tal-wiri u l-barken b'mill-inqas 200m. L-ebda moviment ma jkun permess matul il-wirjiet attwali.

Il-baħħara għandhom josservaw l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u l-Maritime Enforcement Officers li se jkunu fiż-żona.

Il-pożizzjonijiet huma f'WGS 84 DATUM

Charts affettwati: BA 36, 177, 211, 2537, 2538

L-14 ta' April, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 19 tal-2022

Live Firing Practice fir-Ranges ta' Pembroke
19 ta' April 2022 – Sigħat Estiżi

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf illi b'żieda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 24 tal-2021, il-Forzi Armati ta' Malta se jagħmlu Taħriġ ta' Sparar Attiv nhar it- Tlieta, 19 ta' April, 2022, b'ħinijiet estiżi mill-4.30 p.m. sal-10.00 p.m. (ħin lokali).

Messaġġ ta 'Sécurité se jinħareġ fuq VHF Channels 12, u/jew 16 minn Valletta VTS, kif meħtieġ.

Iż-żona ta' eżerċizzju (LM-D6) hija delinjata b'settur ABC.

Minn Pożizzjoni A

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 55'.540	014° 28'.320 (Punt ċentrali fuq l-art),

During the event shipping movements in Grand Harbour will be restricted. Authorized vessels MUST be securely moored by not later than 7.30 p.m.

All vessels and bathers are warned to keep well clear and maintain a safe distance of not less than 200 metres from any of the pontoons and barges while they are being towed and once, they have been anchored in all the above-mentioned localities during the dates and times mentioned.

Authorized vessels are to give the display pontoons and barges a wide berth of at least 200m. No movements whatsoever will be allowed during the actual displays.

Mariners are to comply with instructions and directions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and Maritime Enforcement Officers that will be in the area.

Positions are in WGS 84 DATUM

Charts affected: BA 36, 177, 211, 2537, 2538

14th April, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 19 of 2022

Live Firing Practice at Pembroke Ranges
19th April 2022 – Extended Hours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that further to Notice to Mariners No. 24 of 2021, the Armed Forces of Malta will carry out Live Firing Practice on Tuesday, 19th April, 2022, with extended hours from 4.30 p.m. till 10.00 p.m. (local time).

A Sécurité message will be issued on VHF Channels 12, and/or 16 by Valletta VTS, accordingly.

The exercise area (LM-D6) is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 55'.540	014° 28'.320 (Centre point on land),

raġġ ta' 4 mili nawtiċi sal-punti

B	35° 59'.460	014° 27'.150 u
C	35° 58'.290	014° 32'.190

Limiti indikati fuq BA charts 194, 2537 u 2538.

Matul it-taħriġ ta' sparar attiv, bnadar ħomor (qies ta' madwar 2.5m x 2m) se jittajru mil-limiti tax-xatt. Wara nżul ix-xemx, minflok il-bnadar ħomor, se jkun hemm dwal ħomor u se jkun hemm żewġ bastimenti ta' sigurtà bi dwal blu fuq kull naħa, biex jindikaw il-limitu taż-żona. Il-baħħara huma avżati biex iżommu, bħala minimu, 4 mili nawtiċi 'l barra mix-xatt meta jintlemħu l-bnadar jew il-bastimenti tas-sigurtà.

Barra minn hekk, kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channels 12 u/jew 16 mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) u l-Forzi Armati ta' Malta, għandha tiġi osservata b'mod strett.

Charts affettwati: BA 2538, 2537, 194

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

L-14 ta' April, 2022

a radius of 4 nautical miles to points

B	35° 59'.460	014° 27'.150 and
C	35° 58'.290	014° 32'.190

Limits are indicated on BA charts 194, 2537 and 2538.

During the live firing practice, red flags (approximate size 2.5m x 2m), will be flown from the shore limits. after sunset, instead of the red flags, there will be red lights and there will be two safety vessels with blue lights on each side, to indicate the limits of the area. Mariners are warned to keep, as a minimum, 4 nautical miles off the coast when the flags or safety vessels are sighted.

Moreover, any instructions given on VHF Channels 12 and/or 16 by Valletta Port Control (Valletta VTS) and by the Armed Forces of Malta, are to be strictly observed.

Charts affected: BA 2538, 2537, 194

Positions referred to WGS 84 DATUM

14th April, 2022

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal Amministrattiv 5

Jobsplus Permit 130/2022
Jobsplus Vacancy – (377912)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fl-informatika mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegat prospettiv ikun jagħmel parti mit-taqsima tal-informatika jew minn taqsimiet oħra skont l-eżiġenzi tal-Uffiċċju.

1.1 Minbarra livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni, il-kandidat li jintgħażel għandu jkollu għarfien eċċellenti tal-applikazzjonijiet tal-Microsoft Office suite, ħiliet organizzattivi u ta' ppjanar, u għandu jkollu ħiliet analitiċi u numeriċi tajbin kif ukoll għarfien bażiku tal-istatistika.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA bejn 2017-2022, il-grad ta'

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of Administration Officer 5

Jobsplus Permit 130/2022
Jobsplus Vacancy – (377912)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Administration Officer 5 with specialisation in Information Technology Systems within the National Statistics Office (NSO). The prospective employee will be assigned to the IT Unit or to other units to meet the exigencies of the Office.

1.1 Besides an excellent level of interpersonal and communication skills, the successful candidate must have excellent knowledge of Microsoft Office suite applications, organisational and planning skills, and have good analytical and numerical skills supported by a basic knowledge of statistics.

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of

Uffiċjal Amministrattiv 5 jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) u jibda minn €26,969 għas-sena 2022, b'żidiet annwali li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12).

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab trasferiment intern qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fl-informatika jirrikjedu:

a) Kordinazzjoni, sorveljanza u kontribut fil-proċess tal-ġbir tal-istatistika uffiċjali, minn reġistri tad-dar, impriżi u/jew amministrazzjonijiet;

b) Preparazzjoni ta' materjal għal, u appoġġ fi programmi ta' taħriġ;

c) Dokumentazzjoni tal-proċessi tax-xogħol interni;

d) Kordinazzjoni u komunikazzjoni mal-kollegi interni kif ukoll ma' partijiet esterni nazzjonali u internazzjonali;

e) Għajnuna fil-preparazzjoni ta' stqarrijiet għall-aħbarijiet u pubblikazzjonijiet;

f) Għajnuna f'waqtha ta' preparazzjoni tar-rapporti u t-talbiet tal-'users';

Administration Officer 5 falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at € 26,969 for the year 2022, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family- friendly measures such as telework and flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties:

4.1 The duties of an Administration Officer 5 with specialisation in Information Technology Systems are as follows:

a) Coordinate, supervise and contribute to the collection process of official statistics from household, undertakings and/or administration register;

b. Prepare material for and support in training programs;

c) Document internal work practices and processes;

d) Liaise with colleagues internally as well as external national and international stakeholders;

e) Assist in the preparation of news releases and publications;

f) Assist in the preparation of reports and user requests in a timely manner;

g) Għajnuna fil-monitoraġġ tal-outputs tas-sezzjoni;

h) Kontribuzzjoni waqt laqgħat li jsiru mal-partijiet esterni, li tinkludi dmirijiet amministrattivi bħal teħid ta' minuti u l-abbozzar ta' rapporti;

i) Twettiq ta' dmirijiet oħra bħal filing, kordinazzjoni ta' pjanijiet ta' xogħol u skedi;

j) Twettiq ta' kull dmir ieħor anċillari li jista' jiġi assenjat mill-kap tas-sezzjoni;

k) Aderenza mar-regoli u l-proċeduri interni u jekk meħtieġ, appoġġ fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' tali regoli u proċeduri; u

l) Kapaċità ta' ħidma taħt pressjoni, u twettiq ta' xogħol fil-ħin skont d-dati tal-iskadenzi.

Rekwiżiti

5.0 Applikanti għal dan ix-xogħol għandu jkollhom:

a) Ċertifikat rikonoxxut fil-Livell MQF 5 f'qasam ta' suġġett rilevanti, flimkien ma' seba' (7) snin, jew ekwivalenti, ta' esperjenza rilevanti;

JEW

Ċertifikat fil-livell ta' MQF Livell 6 jew ogħla f'suġġett rilevanti fil-qasam (kandidati li jkunu ġew approvati għall-għoti ta' kwalifika ta' MQF Livell 6 jew ogħla, li għadhom ma ngħatawx formalment il-kwalifika, xorta jiġu kkunsidrati diment li l-kandidati jissottomettu evidenza ta' approvazzjoni għall-għotja tal-kwalifika);

b) Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

c) Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar sitt xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

Sottomissjoni tad-Dokumenti Mitluba

6.0 L-applikanti għandhom jibagħtu:

g) Assist in the monitoring of unit's outputs;

h) Contribute during meetings held with stakeholders and execute administrative duties which include taking of minutes and drafting of internal reports;

i) Carry out other duties such as filing, coordination of work plans and schedules;

j) Carry out any other ancillary duties as may be assigned by superiors;

k) Adherence to internal Policies and if necessary, support in the implementation and monitoring of such Policies; and

l) Ability to work under pressure and meet deadlines.

Eligibility Requirements

5.0 Applicants for this post must:

a) Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 5 in a relevant subject area together with seven (7) years, or equivalent, of relevant experience;

OR

Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 6 or higher in a relevant subject area (candidates who have been approved for the award of an MQF Level 6 qualification or higher, who have not yet formally been conferred the qualification in question, will still be considered provided that candidates submit evidence of approval for the award);

b) Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language;

c) Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants can send a:

i. Ittra ta' applikazzjoni u curriculum vitae (CV);

ii. Kopji taċ-ċertifikati li jinkludu traskrizzjoni tar-riżultati;

iii. Formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-dejta u kondotta tal-pulizija,

lill-Kap tar-Riżorsi Umani permezz ta' ittra elettronika fl-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu 'Post vakanti ta' Uffiċjal Amministrattiv 5 bi speċjalizzazzjoni fl-informatika (Permess numru 377912)' sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew), tal-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2022.

6.1 L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jintbagħtu billi timtela l-applikazzjoni online mill-ħolqa (https://forms.gle/Q5DrnwQCjFb1rf6X8).

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-dejta tista' titniżżel mis-sit tal-NSO (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'punt 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew noti ta' xhieda għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti kollha.

6.6 Hija responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li jagħti biżżejjed ħin sabiex l-applikazzjoni tkun proċessata mill-Bord tal-Għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati minn bord tal-għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont Artikolu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li hi kommessa li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

L-14 ta' April, 2022

i. Letter of application and curriculum vitae (CV);

ii. Copies of qualification certificates and transcript of results;

iii. Data protection consent form and police conduct,

to the Head of Human Resources and Staff Development by noon (Central European Time) of Friday, 6th May, 2022, to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption 'Vacancy for the post of Administration Officer 5 (IT Systems) (Jobsplus Permit number 377912)'.

6.1 Applications can also be submitted by filling in the online application form from the link (https://forms.gle/Q5DrnwQCjFb1rf6X8).

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with the other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

14th April, 2022

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ

Pożizzjoni ta' Technical Attaché (Kummerċ) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché (Kummerċ) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Technical Attaché fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Technical Attaché hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din il-pożizzjoni ta' Technical Attaché hi waħda ta' fiduċja, din tikkonstitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.6 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mit-Technical Attaché matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

2.7 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.8 a. L-ingaġġ bħala Technical Attaché huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul se jkun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

Position of Technical Attaché (Trade) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs and Trade, invites applications for the position of Technical Attaché (Trade) in the Ministry for Foreign and European Affairs and Trade.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Technical Attaché in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Madankollu, kandidati li ma jissodisfawx l-abbiltà li jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u li m'għandhomx mill-inqas MQF ta' Livell 1 fil-lingwa Maltija, iridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mill-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors flimkien mal-kisba tal-Livell 1 tal-MQF għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien sitt (6) xhur mill-ingaġġ. Għalhekk, uffiċjali ingaġġati li ma kinux kisbu din iċ-ċertifikazzjoni fil-perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur se jingħataw estensjoni ta' darba tal-perjodu ta' prova tagħhom għal perjodu ta' sitt (6) xhur, biex jiksbu b'suċċess din iċ-ċertifikazzjoni.

ii. able to communicate in Maltese and English languages. However, candidates who do not satisfy the ability to communicate in Maltese language and do not possess at least an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese language 1', course offered by the Institute of Public Services. Attendance to such course together with the attainment of MQF Level 1, are to be completed before the confirmation of appointment i.e. within six the (6) months of engagement; Therefore Officers engaged who would not have obtained this certification within the probationary period of six (6) months will be given a one time extension of their probationary period for a period of six (6) months to successfully obtain this certification.

Jekk il-persuna tonqos milli tippreżenta evidenza li għaddiet il-kors b'suċċess u attendiet sal-aħħar tal-perjodu ta' prova (jiġifieri tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ), awtomatikament tintilef il-kariga msemmija hawn fuq.

Failure to present evidence of successful pass and attendance by the end of probationary period (i.e. twelve (12) months from engagement) will result in automatic termination of the post in caption.

U

AND

iii. a. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (fil-Livell 4 tal-MQF) fl-Accountancy jew fil-Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 4 tal-MQF fl-Accountancy;

iii. a. in possession of a recognised qualification (MQF Level 4) in Accountancy or Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or a recognised comparable qualification at MQF Level 4 in Accountancy;

JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*) fl-Accountancy jew fil-Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Diploma rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF f'Accountancy.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVETS jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-Bord tal-Għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVETS. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fl-Accountancy) u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fil-Pure Mathematics), jew kwalifika rikonoxxuta u komparabbli.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom jinkludi pass fl-Accountancy).

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF kwalifika jew żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, kif indikat fil-4.1 (iii) (a) u (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-ħatra, dawk appuntanti jridu jintrabtu li jlestu b'suċċess kwalifika rikonoxxuta f'qasam relatat fil-Livell 5 tal-MQF, f'perjodu ta' mhux aktar tard minn sentejn (2), biex jipprogressaw għal Skala ta' Salarju 11 fejn, fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija. Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF kif indikat f'paragrafu 4.1 (iii) (b) f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn

OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVETS credits or equivalent*) in Accountancy or Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or a recognised comparable professional Diploma at MQF Level 5 in Accountancy.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVETS credits or other system of measuring the course content, the Selection Board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVETS credits. The advice of the MQRIC may be sought.

OR

c. (i) in possession of two (2) subjects at Advanced Level (one of which must include a pass in Accounting) and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (one of which must include a pass in Pure Mathematics), or a recognised comparable qualification.

OR

(ii) in possession of three (3) subjects at Advanced Level (one of which must include a pass in Accountancy).

iv. Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4 qualification or two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level, or in possession of three (3) subjects at Advanced Level, or a recognised comparable qualification as indicated in 4.1 (iii) (a) and (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On appointment, appointees will bind themselves to successfully complete a recognised qualification in a related area at MQF Level 5, in not more than two (2) years, to progress to Salary Scale 11, in failure of which they would relinquish their appointment. Upon possession of a relevant Diploma at MQF Level 5 as indicated in paragraph 4.1 (iii) (b) in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions enshrined in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still

fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) sa 4.1 (iii) (c) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sat-30 ta' Ġunju, 2022. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) (a) sa 4.1(iii) (c) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-Ministeru li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-Ministeru minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din

be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) (a) to 4.1 (iii) (c) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 30th June, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clauses 4.1 (iii) (a) to 4.1 (iii) (c) or 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the Ministry issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing Ministry (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the

is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi,għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tar-Reklutaġġ, Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Recruitment Section, Ministry for Finance and Employment through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 29th April, 2022. A computer-generated e-mail will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu minn (recruitment.mfe@gov.mt). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tas-Sezzjoni huma (https://finance.gov.mt) u (recruitment.mfe@gov.mt).

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from (recruitment.mfe@gov.mt).These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (https://finance.gov.mt) and (recruitment.mfe@gov.mt).

L-14 ta' April, 2022

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Post ta' Manager I (Accounting and Finance) fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Finanzi u Xogħol), Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager I (Accounting and Finance) fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

14th April, 2022

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Post of Manager I (Accounting and Finance) in the Ministry for Finance and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (Finance and Employment), Ministry for Finance and Employment invites applications for the post of Manager I (Accounting and Finance) in the Ministry for Finance and Employment.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager I (Accounting and Finance) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2022 huwa ta' €21,950 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €24,396.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager I titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 fis-sena 2022) wara sentejn (2) servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Manager I titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 fis-sena 2022) wara ħames (5) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 9, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Persuna fil-grad ta' Manager I titla' fi Skala ta' Salarju 7 (€26,438 x €531.17 - €29,625 fis-sena 2022) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager I fi Skala ta' Salarju 8, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.7 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

a. Il-persuni maħtura jkunu intitolati għal benefiċċji oħra u suġġetti għall-kundizzjonijiet u l-obbligi li huma stipulati fil-Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel.

2.8 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.9 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager I (Accounting and Finance) is Salary Scale 10, which in year 2022 is €21,950 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €24,396.

2.4 A Manager I will progress to Salary Scale 9 (€23,353 x €447.33 - €26,037 in 2022) on completion of two (2) years service as Manager I in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.5 A Manager I will progress to Salary Scale 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 in 2022) on completion of five (5) years service as Manager I in Salary Scale 9, subject to satisfactory performance.

2.6 A Manager I will progress to Salary Scale 7 (€26,438 x €531.17 - €29,625 in 2022) on completion of three (3) years service as Manager I in Salary Scale 8, subject to satisfactory performance.

2.7 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

a. Appointees will also be entitled to such other benefits and such other conditions and obligations as stipulated in the Working Conditions for Officers within the Management Stream for Qualified Personnel.

2.8 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.9 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, and are to serve in this post, for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.10 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Accounting and Finance, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.11 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager I (Accounting and Finance) jinkludu li:

i. Responsabbli għall-ipproċessar f'waqtu ta' tranżazzjonijiet fiskali u finanzjarji, verifiki, rekordjar, rendikonti u rikonċiljazzjoni;

ii. Responsabbli għall-korrettezza ta' żamma bażika ta' kotba u dokumenti oħrajn ta' accounts u t-twettiq ta' xogħol rigward il-proċess bankarju ta' rikonċiljazzjoni tal-Kont Pubbliku;

iii. Responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni, politiki, direzzjonijiet, proċeduri u linji gwida f'dipartiment jew ministeru partikolari jew mal-Gvern;

iv. Responsabbli għall-manutenzjoni u l-kontroll tal-kontijiet, bħalma huma kontijiet below-the-line u voti u jevalwa wkoll il-virements fi ħdan il-voti kif ukoll it-talbiet għal finanzjament addizzjonali;

v. Jikkordina r-rilaxx ta' fondi permezz ta' mekkaniżmi varji u l-ġbir ta' dħul finanzjarju, japprova tranżazzjonijiet kif ikun ordnat, jirrevedi management accounts, stqarrijiet ta' likwidità u rapporti finanzjarji oħra bħala parti mill-proċess;

vi. Jikkontribwixxi għall-ippjanar u l-kontroll ta' baġit, u fil-kumpilazzjoni tal-Business and Financial plan;

vii. Jivvaluta l-allokazzjonijiet baġitarji u t-tbassir tad-dħul fl-Estimi Finanzjarji tal-Gvern, kemm għas-sena ta' wara kif ukoll fuq bażi ta' Business and Financial plan ta' tliet snin, u l-monitoraġġ kontinwu tagħhom matul is-sena;

viii. Jagħti kontribut fl-interpretazzjoni tal-accounts finali u jipparteċipa fl-analiżi u r-reviżjonijiet tal-valur għall-flus;

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.10 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in the area of Accounting and Finance, in accordance with established vacancies.

2.11 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Manager I (Accounting and Finance) include:

i. Responsible for the timely and correct processing of fiscal and financial transactions, verifications, recording, tracking and reconciliation;

ii. Responsible for the correctness of basic book keeping and other accounting documents, including performing work on the bank reconciliation process of the Public Account;

iii. Responsible for the implementation and enforcement of legislation, policies, directions, procedures and guidelines in a particular department or ministry or across Government;

iv. Responsible for the maintenance and control of accounts, such as below-the-line accounts and votes, assessing virements within votes as well as requests for additional funding;

v. Coordinates the release of funds through various mechanisms and the collection of revenue, approving transactions as directed, reviewing management accounts, cashflow statements and other financial reports as part of the process;

vi. Contributes to Budget planning and control, and the compilation of the Business and Financial plan;

vii. Assesses budgetary allocations and revenue forecasts in the Financial Estimates of Government, both for the following year and on the basis of a three-year Business and Financial plan, and their continuous monitoring during the course of the year;

viii. Contributes towards the interpretation of final accounts and participating in value for money analysis and reviews;

ix. Jirrappreżenta lid-Dipartiment jew lill-Ministeru f'laqgħat u konferenzi, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, u jipparteċipa fi gruppi ta' ħidma kif ikun mitlub;

x. Jikkontribwixxi u jassisti fil-kumpilazzjoni ta' rapporti varji;

xi. Iżomm ruħu aġġornat ma' standards ta' accounts, leġiżlazzjoni finanzjarja u politiki tal-Gvern kif mitlub;

xii. Jikkontribwixxi għall-formulazzjoni u l-aġġornament ta' politiki ta' natura finanzjarja kif ikun mitlub minnu;

xiii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta 'impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju

ix. Represents the Department or Ministry in meetings and conferences, both locally and abroad and participating in working groups as required;

x. Contributes to and assists in the compilation of various reports;

xi. Keeps abreast with accounting standards, financial legislation, Government policies as directed;

xii. Contributes towards the formulation and updating of policies of a financial nature as directed;

xiii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and

Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Dawk il-kandidati li m'għandhomx MQF ta' Livell 1 fil-lingwa Maltija, iridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mil-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors flimkien mall-kisba tal-Livell 1 tal-MQF għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ.

Jekk il-persuna tonqos milli tippreżenta evidenza li għaddiet il-kors b'suċċess u attendiet sal-aħħar tal-perjodu ta' prova (jiġifieri tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ), awtomatikament tintilef il-kariga msemmija hawn fuq.

U

iii. ikollhom kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti*) f'Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Accountancy jew ikollhom kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 6 tal-MQF f'Accountancy.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVETS jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenu tal-kors, il-Bord tal-Għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddertermina li huwa komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVETS. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika

their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in Maltese and English languages. However, candidates who do not satisfy the ability to communicate in the Maltese language and do not possess at least an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese language 1', course offered by the Institute of Public Services. Attendance to such course together with the attainment of MQF Level 1, are to be completed before the confirmation of appointment i.e. within the twelve (12) months of engagement.

Failure to present evidence of successful pass and attendance by the end of probationary period (i.e. twelve (12) months from engagement) will result in automatic termination of the post in caption.

AND

iii. in possession of a recognised Bachelors degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVETS credits, or equivalent*) in Business Management or Business Administration or Economic or Banking and Finance or Accountancy or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 6 in Accountancy.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVETS credits or other system of measuring the course content, the Selection Board is to evaluate the submitted programme of study and determine that is comparable to 180 ECTS/ECVETS credits. The advice of the MQRIC may be sought.

iv. Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters

ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti*.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVETS jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-Bord tal-Għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddertermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVETS. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sat-30 ta' Ġunju, 2022. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra għal din ir-raġuni, tiġi awtomatkament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1 (iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVETS credits or equivalent*.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVETS credits or other system of measuring the course content, the Selection Board is to evaluate the submitted programme of study and determine that is comparable to 60 ECTS/ECVETS credits. The advice of the MQRIC may be sought.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 30th June, 2022. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clause 4.1 (iii) and 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f›liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew ħekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

